MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1425/2001/1

**Ray Agius**

**vs**

**Kenneth Tabone**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Novembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tmenin lira Maltija (Lm280.00), u fejn intqal illi waqt li l-konvenut kien qed isuq xarabank EBY-568 dahal fi Triq William Jarneis, Naxxar, li hija "one-way" miz-zewg nahat, liema fatt huwa a konjizzjoni ta' l-istess konvenut. L-attur dar mit-triq Jean de la Vallette, sab ix-xarabank gejja fuqu, waqaf izda x-xarabank baqa' diehel go fih. Ghall-incident kien unikament responsabbli l-istess konvenut stante imperizja, negligenza, traskuragni, imprudenza u nuqqas ta'**

**osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, prevja d-dikjarazzjoni ta' l-istess.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata 12 ta' Lulju, 2000, ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikuratrici u tal-konvenut, u bl-interessi mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-4 ta' Marzu, 2002, fejn intqal:**
**i. illi l-incident de quo ma garax tort tal-konvenut izda unikament htija ta' l-attur;**
**ii. ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur;**
**iii. inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni favur l-attur;**
**iv. salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjez kontra l-attur.**

**Semgha x-xhieda ta' Raymond Agius, PS 38 Paul Zahra, u Kenneth Tabone. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fit-22 t'April, 2000 ghall-habta tal-5.30pm., fi Triq Sir W. Jervais, kantuniera ma Triq J. de la Vellette, Naxxar. Il-vetturi involuti fil-kollizzjoni kienu l-vettura numru ta' registrazzjoni KAL-282 misjuqa mill-attur, u x-xarabank numru ta' registrazzjoni EBY-568 misjuqa mill-konvenut.**
**2. L-incident gara filwaqt illi l-attur li kien gej minn Triq de la Vallette kien qed jikser ghal go Triq Jervais. L-attur ma kellux alternattiva, u bilfors kellu jikser ghal go l-imsemmija triq minhabba li hemm "no entry sign" ghal gol parti ta' fuq ta' Triq Jervais, u dana kif indikat fl-isketch. Waqt li qed jaghmel din il-manuvra jidher li l-attur, xeghel l-indicator, indicator li l-konvenut ma setghax jara hlief meta kien gja hareg.**

**Fil-fatt jirrizulta li l-attur sporga ghall-go Triq Jervais, u dar bil-mod u waqaf, u meta hares fuq ix-xellug tieghu sab ix-xarabank go fih. Fil-fatt l-attur ra x-xarabank mal-habta. Jigi rilevat li l-attur ta' bilfors kellu jisporgi ghal go Triq Jervais biex jara fuq ix-xellug, ghalkemm mhux suppost li jkun hemm vetturi gejjin minn dik id-direzzjoni.**

**3. Jirrizulta li l-konvenut kien ghaddej kontra l-"one-way", pero` kif inghad fis-sentenza Maria Vella Galea vs Oreste Sammut, deciza fil-5 ta' Ottubru, 1998 mill-Qorti ta' l-Appell:**

**"Riflessjonijiet kontravenzjonali li bl-ebda mod ma jincidu fuq ir-regolamenti li s-sewwieq kien obbligat josserva ghal sewqan prudenti u li ma jkunx rilevanti ghall-elementi ta' fatt li jikkostitwixxu l-eventi li taw lok ghas-sinistru, huma naturalment passibbli u punibbli f'sede ohra, imma m'ghandhomx u ma ghandux ikollhom rilevanza biex jigi stabbilit min kellu htija ghall-incident."**

**4. Issa jirrizulta li fic-cirkostanzi l-konvenut li kien sejjer fid-direzzjoni tal-garaxx tieghu bix-xarabank, ma kellux mod iehor kif jasal hlief permezz ta' dik it-triq, tant illi is-Surgent Paul Zahra qal li kellu isir suggeriment lit-Traffic Control Board sabiex il-konvenut ikollu access minn dik it-triq.**

**5. Ma jirrizultax li l-konvenut kien ghaddej b'xi velocita` mhux adatta ghac-cirkostanzi tal-lok. Jirrizulta wkoll li jidher li z-zewg sewwieqa ghal xi raguni ma daqqewx hornijiet, proprju f'post fejn hu necessarju li tissenjala l-prezenza tieghek permezz tal-horn. Definitivament kien jinkombi li l-konvenut ikun aktar diligenti u jaghmel sinjal li hu kien qed javvicina, tenut kont tal-fatt li kien gej kontra l-"one way".**

**6. Ghalhekk tenut kont ta' dak li ntqal, jidher li l-incident huwa imputabbli ghall-nuqqas da parti taz-zewg sewwieqa u dana in kwantu ghall-zewg terzi tar-responsabilita` lill-konvenut u terz lill-attur.**

**7. Id-danni reklamati mill-attur huma ta' mitejn u tmenin lira u ghalhekk in kwantu it-Tribunal qed isib lill-konvenut responsabbli fi grad ta' zewg terzi ghall-incident li sehh, jigi li l-konvenut ghandu jaghti lill-**

**attur mija u sitta u tmenin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm186.66) in linea ta' danni.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni il-konvenut kien jahti fi grad ta' zewg terzi, kif fuq inghad, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' mija u sitta u tmenin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm186.66), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma msemmija ta' mija u sitta u tmenin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm186.66) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**
**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-zewg terzi mill-konvenut u terz mill-attur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------